# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru: 5/2017 PC**

**Sarah Caruana Piscopo**

**vs**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' Sarah Caruana Piscopo li permezz tiegħu, wara li ppremettiet:

1. Illi l-kunjom tal-attriċi wara li hija żżewġet lil Darren Caruana huwa Caruana Piscopo u dana kif jirriżulta biċ-ċar miċ-ċertifikat taż-żwieġ, Dok. A, kif ukoll mill-kopja tal-karta tal-identita' hawn annessa mmarkata bħala Dok. B;

2. Illi jirriżulta illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Jack Caruana hawn anness, l-kunjom tal-omm tniżżel bħala 'Caruana nee' Piscopo' u mhux 'Caurana Piscopo' u dana kif jirriżulta mid-Dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. C;

3. Illi jirriżulta li dana huwa żball ċar li pero' qed iwassal għal problemi sabiex jinħareġ l-passaport Awstraljan tal-minuri Jack Caruana.

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Jack Caruana bin-numru progressiv disgħa u ħamsin tas-sena elfejn u tlettax (59/2013) billi fil-kolonna Isem u Kunjom tal-Omm l-

kunjom tal-omm jinbidel minn **Caruana nee' Piscopo** għal **Caruna Piscopo nee' Piscopo**, u dana sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistgħu jinqalgħu aktar 'l quddiem minħabba din l-iskorettezza;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt.

Rat ir-risposta tad-Direttur Reġistru Pubbliku illi permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fir-rigward tal-korrezzjoni li qiegħda tiġi mitluba mir-rikorrenti fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Jack Caruana, li jġib in-numru disgħa u ħamsin (59) tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-esponenti jeċċepixxi illi kunjom tal-omm tnissel f'dak iċ-ċertifikat a bażi tal-informazzjoni li ngħatat lill-impjegati tal-Uffiċċju tal-Passaporti mill-ġenitur li rreġistra t-tarbija tiegħu;

2. Illi nfatti, kif sejjer jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, r-rikorrenti għażlet li żżid fuq il-karta tal-identita' tagħha l-kunjom tagħha ma' dak tar-raġel tagħha biss is-sena l-oħra, sabiex kunjomha jibda jaqra 'Caruana Piscopo', ċioe' madwar seba' snin wara li hi żżewġet, u tlett snin wara twelid ta' binha Jack Caruana;

3. Illi għalhekk kien biss is-sena l-oħra li r-rikorrenti għażlet li tagħmel hekk;

4. Illi b'hekk joħroġċar ili meta ġiet rreġistrata t-tarbija in kwistjoni, ir-rikorrenti kienet għadha ma għażlitx li żżid kunjom tagħha xbubitha wara dak tar-raġel, jew kienet għada ma wetqitx il-proċedura kollha meħtieġa biex tagħmel dan u d-dikjarazzjoni tar-raġel tagħha meta rreġistra t-twelid tat-tifel sar għalhekk f'dan is-sens;

5. Ilil dan ifisser li ma sar l-ebda żball mda parti tal-esponenti u ċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Jack Caruana kien qed jirrifletti d-dokumenti uffiċċjali tar-rikorrenti ta' dak iż-żmien, peress li anke fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ (li ġie esebit mar-rikors bħala Dok. A), jidher ċar li r-rikorrenti għażlet li tieħu kunjom ir-raġel tagħha;

6. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribbwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża;

7. Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti.

Rat il-publikazzjoni li saret fil-gazzetta tal-gvern tas-sebgħa (7) ta' Frar elfen u sbatax (2017).

Il-Qorti billi jidhrilha illi t-talba hija ġustifikata, tilqa' l-istess talba u tordna l-korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Jack Caruana bin-numru progressiv disgħa u ħamsin tas-sena elfejn u tlettax (59/2013) billi fil-kolonna Isem u Kunjom tal-Omm, l-kunjom tal-omm jinbidel minn **Caruana nee' Piscopo** għal **Caruna Piscopo nee' Piscopo**.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati mill-istess attriċi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

28.03.2017 – Sup5.2017 – Caruana Piscopo Sarah vs Direttur Registru Pubbliku
550